




# L-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta

## Ktieb ġdid li jirrakkonta l-ġrajja ta' dan iċ-ċentru maħbub mill-Mostin

*Dr Mario Thomas Vassallo*

Kien ilu jinħass il-bżonn li jkollna l-istorja tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù ppubblikata fi ktieb b'riċerka estensiva li tagħti rendikont ta' kemm saru ħidmiet fejjieda minn dan iċ-ċentru ewlieni fil-Mosta. Tul is-snin għaddew ħafna subien u ġuvintur li minn ħdan l-Oratorju ħadu l-formazzjoni spiritwali u ċivika tagħhom u llum jinsabu jaqdu dmirhom fis-soċjetà. Kulħadd għandu kliem ta' tifħir kull meta d-diskors jaqa' fuq l-Oratorju u b'sens kbir ta' nostalġija ħafna minnhom jibdew jgħidulek xi episodju jew ieħor li jkun baqa' stampat f'moħħhom minn dawk iż-żminijiet. B'danakollu ftit li xejn kien hawn letteratura li tagħti ħjiel tal-istorja u l-bosta attivitajiet li kienu jkunu organizzati mill-Oratorju tal-Mosta. Għalkemm kien hawn xi ftit artikli mxerrdin 'l hawn u 'l hinn, iżda l-istorja sħiħa u dettaljata ta' dan iċ-ċentru kienet għadha ma nkitbitx. Għal din il-biċċa xogħol indaħal Dr Mario Thomas Vassallo, hu stess membru tal-Oratorju għal bosta snin, li għadu kemm ippubblika l-ktieb l-ġdid tiegħu, *L-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta bl-Istorja u l-Istejjer Tiegħu.* Dan huwa ktieb li għandu aktar minn 320 paġna, aktar minn 160 ritratt u indiċi tal-ismijiet li jkomplu jagħmlu din il-pubblikazzjoni aktar interessanti u kkulurita.

### L-iskop tal-ktieb

L-iskop ta' dan il-ktieb hu li jagħti xhieda għall-kontribut li ta l-Oratorju Qalb ta' Ġesù fil-parroċċa tal-Mosta u lil hinn minnha. Kontribut qawwi, kontinwu u sinifikattiv fit-trawwim tal-fidi fost it-tfal. Kontribut daqstant ieħor kruċjali, żelanti u meħtieġ fil-formazzjoni Nisranija u ċivika fost l-adoloxxenti, iż-żgħażagħ u l-familji. F'dan il-ktieb se ssibu l-istorja ta' din l-istituzzjoni ewlenija fil-Mosta mifruxa fuq medda ta' mitt sena bejn l-1914 u l-2016. B'danakollu, din ir-riċerka mhix interessata biss mill-fatti, il-figuri u d-dati tal-istorja, imma wkoll mill-karattri, ix-xogħlijiet u l-bawxati ta' dawk li daħlu u ħarġu mill-Oratorju matul tfulithom u żgħożithom. Għalhekk din hija pubblikazzjoni li tistrieħ fuq id-dokumentazzjoni storika, daqskemm tifrex fuq l-esperjenzi umani. Il-Mosta għad għandha bżonn l-Oratorju tagħha u ta' ċentri oħrajn bħalu biex jibqgħu jagħtu skop u direzzjoni – fuq kollox is-sens – lit-tfal u ż-żgħażagħ tas-snin elfejn.

### Għaqdiet u ħidmiet

L-ewwel Oratorju għas-subien fil-Mosta nfetaħ fl-1914 fi Triq il-Kungress Ewkaristiku minn Dun Karm Gauci, iżda fl-1922 iċċaqlaq għal dar oħra fi Triq il-Parroċċa, wara l-knisja arċipretali. Bit-tħabrik tal-Arċipriet tal-Mosta Dun Pawl Mallia u d-Direttur tal-Oratorju, Dun Karm Sciberras, fl-1928 tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-Oratorju fejn nafuh illum li beda jintuża f'nofs it-tletinijiet. Fl-1940 tbierek u kien miftuħ uffiċjalment jumejn qabel ma Malta sabet ruħha fit-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-1956 Dun Anġ Camilleri sar Direttur ta' dan iċ-ċentru u taħt id-direzzjoni tiegħu saru diversi proġetti strutturali li ssoktaw ifornu lill-Oratorju bl-aqwa faċilitajiet u riżorsi għaż-żgħażagħ. Dun Anġ dam direttur għal 49 sena u ħafna mill-Mostin għadhom jiftakru fir-rwol impekkabbli li qeda bħala saċerdot qalb it-tfal u ż-żgħażagħ. Mhux ta' b'xejn li hawn min jirreferi għalih bħala San Ġwann Bosco tal-Mosta.

Il-ktieb il-ġdid dwar l-Oratorju jagħti tagħrif dwar dan kollu u ħafna aktar. Fih issibu tagħrif ukoll dwar il-bosta għaqdiet li kienu joperaw fl-Oratorju għal diversi snin, fosthom l-Azzjoni Kattolika, il-Boy Scouts, il-MostaYouths Dramatic Company, l-Għaqda Studenti Mostin, il-Kor Santa Ċeċilja, il-Grupp Ħabbara tal-Paċi u l-Għaqda Ninu Cremona. Fl-ewwel snin tat-twaqqif tiegħu, fl-Oratorju sabu l-kenn l-bandisti tal-banda Nicolò Isouard li bejn l-1915 u l-1922 kienu spiċċaw bla każin. Il-ktieb jiddiskuti x'kien is-sehem ta' tant għaqdiet li ħadmu minn ħdan l-Oratorju, x'tip ta' attivitajiet kienu joħolqu u kif għenu lill-membri tagħhom biex jiksbu l-esperjenza tal-ħajja.

Barra min hekk, il-ktieb ta' Vassallo jagħti wkoll

narrazzjoni mill-aktar interessanti ta' kif kienet tkun l-atmosfera fl-Oratorju fi żmien il-festi l-kbar, fosthom il-Milied, il-Ġimgħa Mqaddsa, il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù u l-festa ta' Santa Marija. Dawn kienu jkunu perjodi mill-aktar attivi għall-membri Oratorjani b'ruxxmata attivitajiet kemm spiritwali, soċjali u sportivi.

## Il-Banda Santa Marija u l-Oratorju

Is-Soċjetà Filarmonika Santa Marija għandha wkoll ir-rabtiet tagħha mal-Oratorju tal-Mosta. Ma nistgħux ma nsemmux li ħafna mill-membri fundaturi ta' żmien ir-rifondazzjoni tal-banda fit-tmeninijiet, bħal ngħidu aħna l-aħwa tal-familja Magri u l-istess President, Alex Vella, kienu huma wkoll żgħażagħ ħabrieka fl-Oratorju. Minn dan iċ-ċentru ħadu l-ewwel snin ta' formazzjoni Nisranija u ċivika, u minn hemm 'il quddiem impenjaw irwieħhom biex jibqgħu jkunu attivi fil-qasam tal-volontarjat. Dan jgħodd wkoll għaż-żgħażagħ preżenti tal-Każin għax ħafna minnhom kienu midħla sewwa tal-Oratorju. Insemmu wkoll lil-kunċerti għall-allievi li s-Soċjetà għamlet is-snin torganizza fit-teatru tal-Oratorju. Din kienet tkun l-ewwel esperjenza ta' dawn il-bandisti novelli li jdoqqu fil-pubbliku. L-Oratorju qatt ma qagħad lura biex joffri l-aqwa u l-isbaħ opportunitajiet għat-talenti taż-żgħażagħ. Kull membru attiv fil-Banda Santa Marija – kemm jekk anzjan u kif ukoll jekk żagħżugħ – ilkoll għandhom kliem sabiħ meta jitkellmu dwar sninhom fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta.

## L-għejun tar-riċerka

Biex setgħet tkun riċerka ta' storja ta' istituzzjoni parrokkjali fuq medda ta' mitt sena, l-awtur għamel użu minn diversi għejun ta' riċerka, fosthom:

- Id-dokumenti (minuti tal-kumitati, korrispondenza, newsletters, il-ktieb tal-viżitaturi, il-kotba finanzjarji, pubblikazzjonijiet preċidenti, eċċ)
- L-intervisti (ġew intervistati mal-ħamsin ruħ li attendew l-Oratorju fi żminijiet differenti kemm fl-imgħoddi, kemm riċenti u anki fil-preżent)
- *Focus groups* (ġew imlaqqgħin żewġ gruppi minn dawn fejn ġew reġistrati l-esperjenzi kollettivi; wieħed mill-gruppi kien kompost minn old boys, filwaqt li t-tieni wieħed kien jiġbor fih membri attwali)
- Evidenza visiva (ritratti, posters, fuljetti, pjanti tal-periti, eċċ)



*Dakinhar tat-tnedija tal-ktieb - l-awtur Mario Thomas Vassallo (xellug) mal-Arċipriet Dun Albert Buhagiar u l-fotografu Mark Micallef Perconte*

- L-esperjenza personali tal-awtur peress li Vassallo għext fulitu u żgħożitu kollha f'dan iċ-ċentru u għalhekk seta' jagħmel riflessjonijiet personali f'waqtiet varji tan-narrattiva.

Vassallo jħaddem dawn l-għodod ta' kif tinġabar ir-riċerka bl-akbar ħila u b'mod mill-iżjed naturali. Bħala lettur fl-Università ta' Malta, fejn fost oħrajn jgħallem il-metodoloġija xjentifika tar-riċerka, Vassallo jagħtina xogħol tal-iprem kwalità kemm f'dik li hija riċerka li ħafna minnha qiegħda tkun imxandra għall-ewwel darba u kif ukoll f'dik li hija narrattiva kwalitattiva. Il-kitba tiegħu għandha stil mexxej ħafna li jagħti gost lil kull min jaqra dan ix-xogħol.

**Lura u 'l quddiem**

*L-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta bl-Istorja u l-Istejjer Tiegħu,* pubblikazzjoni tal-Parroċċa tal-Mosta, jagħti elenku tal-bosta drammi li ttellgħu fuq il-palk tal-Oratorju, ta' kemm kompetizzjonijiet sportivi ġew milgħuba fil-grawnd u fil-youth centre area u tal-bosta attivitajiet reliġjużi ġew organizzati għall-membri u l-komunità Mostija. Fuq kollox jagħti ħarsa lejn it-tagħlim tal-katekiżmu (jew duttrina) lit-tfal li jkunu qegħdin jitħejjew biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof: min kienu l-katekisti, x'kienu l-metodi tat-tagħlim, kif dawn il-metodi ġew aġġornati maż-żmien. Madankollu, dan il-ktieb ma joffrix ħarsa lura biss. Ma joħloqx biss sens qawwi ta' nostalġija u daqshekk. Qisu dak li kien, kien u dak li sar, sar. U issa kollox għadda u mar. Għalhekk dan il-ktieb jagħti ħarsa estensiva fuq l-Oratorju llum u għada. Kif qiegħda tkompli l-ħidma fi ħdan dan iċ-ċentru mogħni b'esperjenza ta' mitt sena, imma li qed jaffaċċja l-isfidi tal-futur? Min huma l-protagonisti u l-għaqdiet li qed jagħmlu użu mill-Oratorju llum? X'tip ta' attivitajiet qegħdin ikunu organizzati? Fuq kollox, l-awtur iwassal il-ħsibijiet tiegħu dwar x'tip ta' sistema organizzattiva għandu jitmexxa biha l-Oratorju fil-ġejjieni. Huwa veru li l-esperjenza tgħallimna, imma huwa minnu wkoll li mingħajr innovazzjoni kollox jistaġna u saħansitra jmut. F'dan il-kuntest, lejn l-aħħar tal-ktieb insibu dan il-bilanċ li jeħtieġ jintlaħaq bejn il-kontinwità u l-bidla, bejn it-tradizzjoni u l-innovazzjoni.

Minn fomm l-arċipriet u d-Direttur attwali tal-Oratorju Dun Albert Buhagiar, l-Arċipriet tal-Mosta u d-Direttur attwali tal-Mosta, mhux biss insista biex din ir-riċerka ssir u fetaħ il-bibien beraħ tal-arkivji parrokkjali biex l-awtur seta' jagħmel it-tiftix meħtieġ, imma wkoll għoġbu jikteb id-daħla tal-ktieb. Filwaqt li jfakkar fil-memorja għażiża ta' Dun Anġ Camilleri u tant saċerdoti, lajċi u u katekisti li ħadmu fl-Oratorju matul is-snin, ma jonqosx li ma jirreferix għall-preżent u l-futur tal-Oratorju. Fid-daħla tal-ktieb, Dun Albert jgħid hekk. Il-bżonnijiet huma kbar u r-riżorsi huma dejjem limitati. Imma ninsabu determinati biex niggarantixxu futur sabiħ li jixraq lill-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta. Għax hekk hemm bżonn fil-kuntest ta' tant realtajiet ġodda fil-ħajja parrokkjali tagħna. Il-parroċċa tal-Mosta għad għandha bżonn il-kenn u l-opportunità li jaf joffri l-Oratorju. Il-Mosta għad għandha ħtieġa tal-ispazji u l-faċilitajiet li għandu l-Oratorju biex jibqgħu jkunu ta' servizz mhux biss għat-tfal u ż-żgħażagħ, imma wkoll għall-familji, il-bqija tal-għaqdiet u ta' kull min għandu sens ta' rieda tajba biex ikun strumentali fl-appostolat Nisrani u ċiviku.

Il-futur tal-Oratorju huwa sabiħ daqskemm se jkun hawn nies li se jkunu lesti li joffru ftit minn ħinhom biex jaqdu appostolat Nisrani fost it-tfal, l-adoloxxenti, iż-żgħażagħ u l-familji. Għalkemm għada pitgħada jistgħu jkunu ngaġġati ħaddiema bi ħlas biex jikkordinaw il-ħidma li ssir, imma l-kontribut tal-voluntiera xorta jibqa' meħtieġ dejjem u kullimkien. Jalla dan il-ktieb iservi wkoll biex jimmotiva lil xi wħud minn fostna biex huma wkoll isiru protagonisti fl-istorja preżenti u futura tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù.

**Għal min huwa tajjeb dan il-ktieb**

Il-ktieb il-ġdid ta' Dr Mario Thomas Vassallo, *L-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta bl-Istorja u l-Istejjer Tiegħu,* kien imniedi f'Ġunju li għadda u l-ewwel reazzjonijiet ta' dawk kollha li raw dan ix-xogħol kienu mill-aktar pożittivi. Dan huwa ktieb li għandu jkun fil-librerija personali ta' kull min qatt rifes mill-għatba 'l ġewwa ta' dan iċ-ċentru għax fih żgur se jsib xi ħaġa li hija marbuta mal-istorja ta' ħajtu stess jew mal-istorja tal-ħbieb u konoxxenzi oħrajn li kellu fi tfulitu u f'żgħożitu. Huwa ktieb li għandu jkun f'idejn dawk kollha li jħobbu l-istorja tal-Mosta għax permezz tiegħu jistgħu jaqraw kif żviluppat il-parroċċa fuq medda ta' seklu. Dan il-ktieb huwa tajjeb ukoll għall-emigranti Mostin li llum jinsabu jgħixu 'l barra minn xtutna. Ħafna minnhom ukoll kienu jattendu l-Oratorju meta kienu għadhom Malta u għalhekk ktieb bħal dan iġibilhom ħafna memorji imprezzabbli.

Il-preżentazzjoni friska tal-ktieb, flimkien mal-istil mexxej tal-kitba fejn l-ilsien Malti huwa mħaddem b'mod tabilħaqq tajjeb, jagħmlu minn dan il-pubblikazzjoni prodott letterarju u ta' riċerka mill-aqwa. Jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba ewlenin fil-Mosta.